PARLAMENT EWROPEW

2004 2009

*Dokument ta' sessjoni*

20.2.2009 B6-0134/2009

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Miroslav Ouzký

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar Strateġija tal-UE favur ftehim komprensiv dwar il-bidla fil-klima f'Kopenħagen u l-finanzjament xieraq tal-politika dwar il-bidla fil-klima

**B6-0134/2009**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar strateġija tal-UE favur ftehim komprensiv dwar il-bidla fil-klima f'Kopenħagen u l-finanzjament xieraq tal-politika dwar il-bidla fil-klima**

*Il-Parlament Ewropew,*

– – wara li kkunsidra l-Artikolu 175 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija adottat mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2008, b'mod partikolari l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tas-sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Komunità[1] u dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet b'effett ta' serra sabiex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020[2],

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2008 u l-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2009 dwar 'L-2050: il-Ġejjieni jibda llum - Rakkomandazzjonijiet għal politika integrata futura tal-UE dwar il-bidla fil-Klima'[3],

– wara li kkunsidra l-14-il Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) (COP14) u r-Raba' Konferenza tal-Partijiet li serviet ta' laqgħa tal-partijiet tal-Protokoll ta' Kyoto (COP/MOP 4), li saru bejn l-1 u t-12 ta' Diċembru 2008 f'Poznań (Il-Polonja),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009, bl-isem 'Lejn ftehim komprensiv dwar it-tibdil fil-klima f'Kopenħagen' (COM(2009)0039),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008, bl-isem 'Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku' (COM(2008)0800),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2007, bl-isem 'Pjan strateġiku Ewropew għat-teknoloġija ta' l-enerġija (SET-Plan) - Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju' (COM(2007)0723),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi n-negozjati dwar ftehima internazzjonali komprensiva dwar il-bidla fil-klima

[1] Testi Adottati, P6_TA(2008)0610.
[2] Testi Adottati, P6_TA(2008)0611.
[3] Testi adottati, P6_TA(2009)0000.

konsistenti mal-objettiv li jiġu limitati ż-żidiet fit-temperaturi globali għal inqas minn 2ºC mistennija li jkunu konklużi f'Kopenħagen f'Diċembru 2009,

B. billi numru li qed jikber ta' xjentisti qed jirrikonoxxu li biex tiġi evitata bidla perikoluża fil-klima se tkun meħtieġa stabilizzazzjoni tal-livell ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera għal livel ekwivalenti għal 350 ppmv $CO_2$, livell inqas b'mod sinifikanti minn dak li kien preċedentament irrakkomandat,

C. billi l-Unjoni Ewropea se tilħaq qbil dwar il-pożizzjoni tagħha għan-negozjati waqt il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tal-2009,

D. billi l-UE ħabirket biex ikollha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra t-tisħin globali u tappoġġja b'mod sħiħ il-proċess ta' negozjati tal-UNFCCC,

E. billi reċentament l-UE adottat pakkett dwar il-klima u l-enerġija li jikkonsisti f'miżuri leġiżlattivi biex sal-2020 jiġi implimentat tnaqqis unilaterali ta' 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990, bl-impenn li dan jiżdied għal tnaqqis ta' 30% jekk jintlaħaq ftehim internazzjonali ambizzjuż biżżejjed f'Kopenħagen,

F. billi l-emissjonijiet qed jiżdiedu b'mod mgħaġġel fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, li ma jistgħux inaqqsuhom mingħajr appoġġ tekniku u finanzjarju sinifikanti,

G. billi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma responsabbli għal 20% tal-emissjonijiet globali ta' diossidu tal-karbonju ($CO_2$); billi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti joħolqu wkoll theddida kbira fil-kuntest tal-bidla fil-klima minħabba li jipperikolaw il-funzjoni importanti tal-foresti fl-assorbiment tal-karbonju; billi d-deforestazzjoni sseħħ bir-rata allarmanti ta' 13-il miljun ettaru kull sena, il-parti l-kbira fir-reġjuni tropikali u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

H. billi l-iskema tal-iskambju tal-emissjonijiet tal-UE (EU ETS) tista' tkun mudell għall-iżvilupp tal-iskambju tal-emissjonijiet f'pajjiżi u reġjuni oħra żviluppati,

I. billi nofs l-isforzi ta' mitigazzjoni jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri li ma jswewx ħafna flus u vantaġġużi għal kulħadd, jiġifieri billi titjieb l-effiċjenza tal-enerġija,

J. billi l-irkant fl-iskambju tal-emissjonijiet għandu l-potenzjal li fil-ġejjieni jiġġenera ammont konsiderevoli ta' dħul li jkun jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati miżuri ta' mitigazzjoni u adattament fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw,

K. billi l-iffaċilitar ta' finanzjament għal proġetti ta' kwalità għolja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment fir-rigward tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jiddependi fuq fluss komprensiv, trasparenti u kontinwu ta' informazzjoni fir-rigward tad-disponibilità tal-fondi u tal-mezzi biex wieħed japplika għalihom; billi din għandha tkun responsabilità tal-komunità internazzjoni, filwaqt li l-UE jkollha rwol ewlieni u tagħti eżempju tajjeb,

L. billi, skont stimi riċenti, l-investimenti ġodda meħtieġa għat-tnaqqis globali tal-emisjonijiet jammontaw għal EUR 175,000 miljun sal-2020, li minnhom iktar minn nofshom għandhom jiġu investiti f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw,

M. billi l-Kummissjoni stmat li biex id-deforestazzjoni tonqos bin-nofs sal-2020 se tiswa bejn 15 u 25 elf miljun euro kull sena sa dik is-sena u sabiex id-deforestazzjoni tieqaf għal kollox se jkunu meħtieġa ammonti saħansitra ikbar,

N. billi varjetà ta' studji minn organizzazzjonijiet internazzjonali stmaw li l-ispiża ta' adattament għall-bidla fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw titla' għal għexur ta' biljuni ta' euro kull sena,

1. Jenfasizza li l-UE għandha żżomm irwol ta' tmexxija fil-politika internazzjonali dwar il-klima; jenfasizza l-importanza li l-UE titkellem b'vuċi waħda sabiex iżżomm il-kredibilità f'dan l-irwol;

2. Jitlob li l-UE taħdem b'mod attiv biex tintlaħaq ftehima f'Kopenħagen li tqis l-aktar rapporti xjentifiċi riċenti dwar il-bidla fil-klima, timpenja ruħha biex jintlaħqu livelli ta' stabilizzazzjoni u miri relatati mat-temperaturi li jkollhom probabilità qawwija li jevitaw bidla perikoluża fil-klima, u tippermetti reviżjonijiet regolari biex jiġi żgurat li l-miri ikunu f'konformità mal-aktar xjenza riċenti; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam,

3. Ifakkart li sabiex tiġi llimitata l-medja taż-żieda fit-temperatura globali għal mhux iktar minn 2ºC iżjed mil-livelli pre-industrijali, jeħtieġ mhux biss li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'mod sinifikanti, iżda wkoll li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħaq dan l-objettiv;

4. Jinnota li t-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw għal livelli li huma inqas minn dawk tas-soltu se jkun strumentali biex tiġi llimitata l-medja taż-żieda fit-temperatura globali għal inqas sew minn 2ºC; fl-istess ħin jenfasizza li l-emissjonijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jitnaqqsu taħt il-livelli li huma inqas minn dawk tas-soltu, u dan jirrikjedi appoġġ wiesa' mill-pajjiżi industrijalizzati;

5. Jenfasizza li, sabiex tkun tista' sseħħ l-azzjoni ta' mitigazzjoni neċessarja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, hemm bżonn ta' riżorsi finanzjarji ferm ikbar;

6. Jenfasizza r-responsabilità tal-pajjiżi industrijalizzati biex jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju suffiċjenti, sostenibbli u prevedibbli lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jagħtuhom inċentiv biex jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra, jadattaw għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u jnaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni tal-foresti, kif ukoll biex iżidu l-bini ta' kapaċità tagħhom sabiex jikkonformaw mal-obbligi skont il-ftehima internazzjonali futura; jenfasizza li l-maġġoranza ta' dawn il-fondi għandhom ikunu ġodda u addizzjonali għall-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA);

7. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tal-4 ta' Frar 2009 u b'mod partikolari f'dawk il-partijiet iddedikati lid-dimensjoni internazzjonali u lill-kwistjonijiet tal-finanzjament u dawk baġitarji;

8. Jenfasizza li fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, l-objettiv tal-UE għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima jista' jiġi kkombinat ma' opportunitajiet ekonomiċi ġodda ewlenin biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda, biex jinħolqu impjiegi u biex tiżdied is-sigurtà tal-

enerġija; jenfasizza li l-ftehima f'Kopenħagen tista' tipprovdi l-istimulu neċessarju għal dan il-'Green Deal' il-ġdid li jagħti impetus lit-tkabbir ekonomiku, jippromwovi t-teknoloġiji favur l-ambjent u jiżgura impjiegi ġodda fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

9. Jistieden lill-Kunsill Ewropew biex jimmira għal ftehima internazzjonali mal-pajjiżi industrijalizzati biex jinkiseb tnaqqis kollettiv tal-gassijiet b'effett ta' serra fil-parti l-għolja tal-firxa ta' bejn 25 u 40 % rrakkomandata mir-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Panel Internazzjonali dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC 4AR) u sabiex dan it-tnaqqis ikun domestiku;

10. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas preċiżjoni fir-rigward tal-livell tar-responsabilità finanzjarja tal-UE fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq tat-28 ta' Jannar 2009; jistieden lill-Kunsill Ewropew biex jidħol għal impenji tanġibbli rigward il-finanzjament, li jkunu konsistenti mal-isforzi globali meħtieġa biex il-medja taż-żieda fil-klima tiġi limitata għal iqas sew minn 2ºC, meta jadotta mandat għan-negozjati għall-konferenza ta' Kopenħagen;

11. Jemmen li dawn l-impenji dwar l-iffinanzjar għandhom jinkludu, kif stipulat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008, impenn min-naħa tal-Istati Membri li jużaw parti kbira mid-dħul mill-irkant, iġġenerat mill-EU ETS, biex jiffinanzjaw azzjonijiet biex tiġi mmitigata l-bidla fil-klima u jkun hemm adattament għaliha f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw li jkunu rratifikaw il-ftehima internazzjonali, iżda jenfasizza li minħabba li inqas minn 50% tal-emissjonijiet tal-UE huma koperti mill-iskema tal-emissjonijiet jeħtieġ li jiġu inklużi setturi oħrajn tal-ekonomija fl-Istati Membri, fir-rigward tal-isforz biex jiġu ffinanzjati dawn l-azzjonijiet importanti;

12. Jinsisti li dawn l-impenji jipprovdu finanzjament prevedibbli għal mekkaniżmi mwaqqfa fil-kuntest tal-UNFCCC li huma addizzjonali għall-ODA u indipendenti mill-proċeduri baġitarji annwali fl-Istati Membri;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li parti mill-finanzi għandha tingħata fil-forma ta' self minħabbi li ċerti attivitajiet jistgħu joħolqu sitwazzjoni favorevoli għal kulħadd fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

14. Jenfasizza li miri li jorbtu jippermettu lill-investituri jevalwaw aħjar ir-riskji u l-opportunitajiet assoċjati mal-bidla fil-klima u jinvolvu lill-investituri fi proġetti li jilħqu miri kemm ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun hemm ċarezza rigward l-irwol tal-kapital privat fl-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri;

15. Madankollu, jqis li hu importanti ħafna li jiġi adottat pjan ta' azzjoni komprensiv dwar il-finanzjament futur tal-politika dwar il-klima, li jkun ikopri l-oqsma u s-sorsi kollha rilevanti tal-finanzjament; iqis il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq tat-28 ta' Jannar 2009, bħala punt ta' tluq tajjeb għal din il-ħidma, iżda jenfasizza li trid tissaħħaħ b'miżuri definiti b'mod ċar; jistieden lill-Kunsill Ewropew biex jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tiżviluppa b'urġenza pjan ta' azzjoni bħal dan bi tħejjija għan-negozjati ta' Kopenħagen;

16. Jemmen li parti kbira mill-kontribuzzjoni kollettiva għall-isforzi ta' mitigazzjoni u l-

bżonnijiet ta' adattament tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw għandha tkun dedikata għal proġetti li jirsistu biex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u għal proġetti ta' riforestazzjoni u afforestazzjoni f'dawnil-pajjiżi;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif (CDM) tal-Protokoll ta' Kyoto bħala mod possibbli biex il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jieħdu sehem fis-suq tal-karbonju. jenfasizza li l-użu ta' kumpensi biex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-pajjiżi industrijalizzati ma jistax ikun parti mir-responsabilità tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw biex jiġu mmitigati l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra fi ftehima internazzjonali dwar il-bidla fil-klima; għaldaqstant jinsisti li kriterji stretti ta' kwalità tal-proġetti għandhom ikunu parti minn mekkaniżmi futuri ta' kumpensi biex jiġi evitat li l-pajjiżi industrijalizzati jieħdu l-alternattivi ta' tnaqqis li ma jiswewx ħafna flus mill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, u biex jiggarantixxu standard għoli ta' dawn il-proġetti, bi tnaqqis affidabbli, verifikabbli u reali fl-emissjonijiet li jipprovdu wkoll għal żvilupp sostenibbli f'dawn il-pajjiżi;

18. Iqis li l-kontribuzzjoni kollettiva tal-UE għall-isforzi ta' mitigazzjoni u l-bżonnijiet ta' adattament tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw m'għandhiex tkun anqas minn EUR 30,000 miljun fis-sena sal-2020, ċifra li tista' tiżdied mal-għarfien ġdid dwar il-gravità tal-bidla fil-klima u l-iskala tal-ispejjeż tagħha;

19. Jenfasiżża li l-flussi finanzjarji kbar għall-isforzi ta' mitigazzjoni u l-bżonnijiet ta' adattament tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw huma biss parti mis-soluzzjoni; jinsisti li l-flus għandhom jintnefqu b'mod sostenibbli, filwaqt li tiġi evitata l-burokrazija, b'mod partikulari għall-SMEs, u l-korruzzjoni; jenfasizza li l-finanzjament irid ikun prevedibbli, ikkoordinat u trasparenti, u jibni l-kapaċità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, filwaqt li tingħata prijorità lill-persuni li jaffaċċjaw problemi bil-bidla fil-klima u mhux biss il-gvernijiet; f'dan il-kuntest jenfasizza l-importanza ta' informazzjoni kontinwa u aċċessibbli dwar il-finanzjament disponibbli; jistieden lill-Kunsill u lill-Presidenza Svediża li jmiss biex jippromwovu b'mod attiv dawn il-prinċipji waqt in-negozjati UNFCCC COP15 f'Kopenħagen 2009;

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tabbanduna r-reżistenza preċedenti tagħha biex tiġi inkluża l-foresterija fl-iskemi ta' skambju ta' emissjonijiet; jemmen li se jkun meħtieġ finanzjament ibbażat fuq is-suq kif ukoll finanzjament li ma jkunx ibbażat fuq is-suq sabiex jiġu ffinanzjati l-mekkaniżmi futuri għat-'Tnaqqis tal-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni' (REDD) skont ftehima post-2012. f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ikunu minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' swieq tal-karbonju pilota għar-REDD; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jelaboraw dwar kif il-fondi għall-forestrija li ma jkunux ibbażati fuq is-suq u dawk ibbażati fuq is-suq jistgħu jikkomplementaw lil xulxin;

21. Jemmen li bit-tmexxija tal-UE fl-għoti ta' appoġġ tekniku u finanzjarju lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, iċ-ċansijiet li jkun hemm suċċess fin-negozjati ta' Kopenħagen se jitjiebu b'mod konsiderevoli; jemmen li t-tmexxija Ewropea fil-qasam tal-finanzi billi jingħataw ċifri konkreti għan-negozjati fi stadju bikri hija meħtieġa kemm biex jiġi mmobilizzat biżżejjed appoġġ pubbliku domestiku, biex jiġu mħeġġa pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jadottaw miri ta' tnaqqis vinkolanti u biex jiġu mħeġġa pajjiżi oħra tal-

Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) biex jikkontribwixxu b'mod simili;

22. Jirrikonoxxi l-fatt li l-UE b'mod ġenerali tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettiv ta' Kyoto iżda jinnota li ċerti Stati Membri huma 'l bogħod mill-objettiv ta' Kyoto tagħhom, u dan jista' jdgħajjef il-kredibilità tal-UE fil-proċess ta' Kopenħagen; għalhekk, jinsisti li dawk l-Istati Membri li għadhom ma qabdux it-triq biex jilħqu l-objettiv ta' Kyoto għandhom jintensifikaw l-attivitajiet taghom;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lis-segretarjat tal-UNFCCC b'talba lil dan tal-aħħar biex jgħaddieha lill-partijiet kontraenti kollha li mhumiex Stati Membri tal-UE.